Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 137/2018

Il-Pulizija

Spettur Charlotte Curmi

Vs

Dionizio Farrugia

Illum 11 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Dionizio Farrugia detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 353657M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar l-24 ta' Novembru 2010 gewwa l-Imqabba:

1. Xjentement ostakola, impedixxa jew tellef lill-Ufficjali tad-Dwana fit-twettiq tad-dmirijiet jew setghat taghhom u dan ai termini tal-Artiklu 62(J) tal-ordinanza tad-Dwana Kap. 37 kif ukoll tal-Artiklu 18(4) tal-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu (Art 49, 50, 289 Kap. 9)

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Anthony Fenech u Vincent

Agius, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz li l-Qorti jidhrilha xierqa ta' htija ma' kull piena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u minnha lliberatu skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-liberatorja mill-addebitu tar-recidiva taht Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li thassar u tirrevokaha fil-bqija, billi tiddikjara lill-appellat hati tal-akkuza kif migjuba kontrih f'dan il-kaz u tghaddi biex taqta' u tiddeciedi dan il-kaz skont il-Ligijiet ta' Malta u tipprosegwi biex tinfliggi l-piena idoneja fil-konfront tal-appellat u dan ai termini tal-Ligijiet applikabbli ghal dan il-kaz kif invokati.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioe`:-

Illi preliminarjament jigi ddikjarat ghal kjarifika li l-appellant Avukat Generali qed jinterponi appell mil-liberatorja mill-unika akkuza taht il-Kapitolu 37 u 382 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux fuq l-addebitu tar-recidiva. Allavolja l-ewwel Qorti ma dahlitx fiha minhabba l-mod kif ipprocediet biex tiddeciedi l-kaz, l-appellant jirrikonoxxi li fic-cirkostanzi tal-kaz u fid-dawl ukoll tal-fedina penali tal-appellat, l-addebitu tar-recidiva ma japplikax f'dan il-kaz fid-dawl tal-artikolu 52 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, minn qari tal-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti mis-sentenza taghha li wasslu ghad-decide tal-istess, l-appellant jinstab kemxejn perpless mil-liberatorja tal-appellat in vista tal-fatt li l-ewwel Qorti f'ebda mod mhu qed tichad li l-fatti sehhew kif ipprospettati mill-

ufficjali tad-dwana allavolja jidher mill-assjem tas-sentenza meta mqabbla mal-provi traskritti li certu dettalji ma gewx ikkunsidrati jew almenu ma saritx referenza ghalihom fis-sentenza appellata. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li l-ewwel Qorti effettivament u fl-istess sentenza ikkundannat l-agir tal-appellat u rreferiet ghal dan il-komportament bhala *moralment kundannabbli*. Madankollu meta giet biex tiddeciedi l-kaz ikkonkludiet li peress li wara kollox il-kaz irrisolva ruhu bl-assistenza tal-pulizija fl-istess jum fejn essenzjalment sehh dan l-agir kundannabbli, l-ewwel Qorti f'sens kontradittorju dehrilha li l-estremi rikjesti ghall-ksur tal-artikolu 62(J) tal-Kapitolu 37 u/jew l-artikolu 18(4) tal-Kapitolu 382 ma rrizultawx u b'hekk ipprocediet biex tillibera lill-appellat.

Illi l-fatt wahdu li l-ewwel Qorti waslet biex serenament tiddikjara l-agir tal-appellat bhala *kundannabbli moralment* huwa diga' bizzejjed ai fini tal-grad tal-prova rikjesta ghas-sejbien ta' htija mill-prosekuzzjoni u b'hekk din id-dikjarazzjoni kienet sufficjenti sabiex tiggustifika sejbien ta' htija u mhux liberatorja kif gara hawnhekk!! Dan iktar u iktar tenut kont tal-fatt li meta wiehed imbaghad idur u jara l-atti tal-kaz u jaqra x-xhieda kollha li ddeponew u li ma xehdux fit-tul matul il-procedura in kwistjoni, u fid-dawl ukoll tad-dicitura tal-ligi tal-ksur ikkontemplat u tal-estremi ta' dik id-disposizzjoni, din id-decizjoni liberatorja assolutament, u bir-rispett kollu jinghad, ma jaghmlux sens legali, fattwali u/jew logiku.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-estremi tal-ligi rikjesta li skont l-ewwel Qorti ma ntlahqux, huwa evidenti skont dak hawn fuq ravvizat li l-grad rikjest mill-prosekuzzjoni ntlahaq u dan skont l-ewwel Qorti stess. Ghal kull buon fini pero', u dejjem jekk l-ewwel Qorti kienet qed tirreferi ghall-elementi tar-reat ippostulat meta ghamlet referenza ghall-estremi li ma gewx sodisfatti, jekk wiehed jara d-dicitura tal-ligi applikabbli ghall-kaz huwa car illi sabiex dan ir-reat jissussisti, l-appellat irid ikun **<u>jew</u>** ostakola, **<u>jew</u>** impedixxa, **<u>jew</u>** tellef **<u>b'mod xjenti</u>** lill-ufficjali tad-dwana fil-qadi ta' dmirijiethom. M'hemmx ghalfejn tirrizulta kull wahda minn dawn ic-cirkostanzi (*ostakola, impedixxa jew tellef*) ghajr ghax-xjenza li trid tirrizulta dejjem ma' kull wahda jew iktar minn dawn ic-cirkostanzi. In oltre l-fatt li eventwalment matul l-istess jum, l-ufficjali tad-dwana rnexxielhom jiehdu l-kampjun li kien

originarjament rikjest minnhom ma twaqqax l-akkuza jew tnaqqasha mill-estremi taghha. Dan qed jinghad minhabba r-ragunament tal-ewwel Qorti li wasslet ghal-liberatorja msemmija fejn donnha l-fatti li sehhew ittaffew minhabba l-fatt li fl-ahhar mill-ahhar il-kampjuni ttiehdu. Di piu' u a differenza ta' dak ippostulat fis-sentenza appellata kien hemm iktar minn tentattiv wiehed da parti tal-ufficjali tad-dwana fejn fiz-zewg okkazzjonijiet l-appellat ma ppermettiex li huma jiehdu l-kampjuni li in ogni caso tkun irrelevanti peress illi incident wiehed huwa sufficjenti. Li huwa indubjat huwa li l-ufficjali kellhom jirrikorru ghall-assistenza tal-pulizija biex jaslu fejn waslu ghaliex fin-nuqqas kienu jibqghu minghajr il-kampjun mehtieg. In oltre, f'ebda stadju ma rrizulta jew gie allegat li l-appellat ma kienx xjenti li kien qed jostakola jew ifixkel lill-ufficjali fix-xoghol taghhom u filfatt lanqas l-ewwel Qorti ma taghmel referenza ghal dan, tant illi ddikjarat il-komportament tieghu inizjali bhala wiehed moralment kundannabbli. Kwindi huwa evidenti illi l-estremi legali efettivament intlahqu u b'hekk il-perplessità tas-sottoskritta dwar kif inghatat is-sentenza tal-ewwel Qorti tibqa' vigenti.

Illi in sostenn tal-interpretazzjoni hawn fuq deskritta u jekk kellna nduru biex naraw id-deposizzjonijiet tax-xhieda li ddeponew, skont ix-xhieda tal-ufficjali tad-dwana kif ukoll tal-pulizija li akkumpanjawhom fuq il-post fit-tieni tentattiv, huwa evidenti u car li l-ufficjali ma rnexxilhomx jaghmlu dak li kellhom struzzjonijiet jaghmlu fil-vesti taghhom bhala ufficjali tad-dwana u dan b'certu insistenza. Infatti kemm Anthony Fenech kif ukoll Vincent Agius jikkonfermaw illi kif introducew lilhom infushom mal-appellat bhala ufficjali tad-dwana hu keccihom 'il barra u minhabba f'hekk kellhom jitolbu l-assistenza tal-Pulizija li madankollu ma swiet ghal xejn ukoll peress li l-appellat baqa' ma kkoperax maghhom. Kien biss wara li ghamlu rapport l-Ghassa u wara xi sighat meta akkumpanjahom is-Surpretendent Vella Gregory u cioe' fit-tielet tentattiv li dak mitlub minnhom sar. Skont anki dak li xehed Vincent Agius kien hemm persuna ohra apparti l-appellat li baqghet mhux identifikata li kienet prezenti u anki mbottat lix-xhud in kwistjoni biex ma jaghmilx xoghlu. In oltre, prattikament dak li xehdu l-ufficjali tad-Dwana gie kkonfermat u korroborat *in toto* mill-ufficjali tal-pulizija li akkumpanjawhom u cioe' minn Vincent Gatt u PS 624

Keith Mallan fejn dan tal-ahhar jaghmel referenza wkoll ghall-fatt li l-appellat kien ippretenda xi hlas ghall-kampjun li riedu johdulhom l-ufficjali tad-dwana.

Illi in konkluzjoni jinghad allura li r-ragunament li wzat l-ewwel Qorti li wasslet ghal-liberatorja tal-appellat ma taghmilx sens fid-dawl tal-provi prodotti in sostenn tal-akkuza migjuba u iktar u iktar meta b'kontro sens, l-istess Qorti rrikonoxxiet ir-responsabbiltà kriminali u ddikjarat bhala kundannabbli moralment l-istess agir. Dan il-fatt wahdu kellu jwassal ghas-sejbien ta' htija tal-akkuza kif migjuba.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2018 fejn sahanstira talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali.

Ikkunsdirat.

Illi nhar l-10 ta' pril 2017 xehdet **Josephine Grima** in rappresentanza tad-Dwana. Hija pprezentat letter to prosecute fil-konfont tal-appellant odjern u gharfet il-firma tad-Direttur tad-Dwana fuq tali dokument li jinsab esebit a fol 13 ta l-atti.

**Anthony Fenech** xehed nhar l-10 ta April 2017 ( fol. 14) u spjega li nhar l-24 ta' Novembru 2010 kellhom struzzjonijiet biex jaghmlu spezzjoni fuq id-diesel madwar Malta u f'post partikolari id-Denfar Compelte Supllies, Valletta road, Imqabba. Huma dahlu biex jghamlu l-ispezjoni taghhom. Hemmhekk iltaqghu ma Dennis Farrugia. Introducew ruhhom mieghu u qalulu li kienu ser jghamlulu ezami u jiehdu kampjun tad-diesel. Meta ra hekk keccihom 'l barra. Huma marru l-ghassa tal-pulizija taz- Zurrieq fejn talbu l-assistenza tal-pulizija ikienu PC 1498 u PC 624 u regghu marru fl-istess post. Ghal-darb ohra dan Farrugia rrfjuta li itihom kampjun minkejja li kienu bl-assistenza tal-pulizija. Mistoqsi jekk jgharafx min kienet din il-persuna ighid li kient l-imputat illum appellant fl-Awla.

Huma ghalhekk regghu marru l-Ghassa u stennew lis-suprtendent Vella Gregory u regghu marru fl-istess post ghat tielet darba. Din id-darba akkompanjati mis-Supretendent Vella Gregory u kien f'dak il-mument li seghu jghamlu l-ezami tghhom. Hadu l-kampjuni li taw rizultat tajjeb. Qal li kien is-supretendent li zblokka s-sitwazzjoni li kien hemm. Il-kampjuni ma haduhx maghhom ghaliex sabu li d-

diesel kien tajjeb. Qal li din kienet procedura normali ghad-Dwana li jghamlu dawn l-ispezzjonijiet .

**Vincent Agius** xehed nhar l-10 ta' April, 2017 ( fol. 17) u spjega li jokkupa l-kariga ta' Spettur id Dwana. Ikkonferma li dakinahr tal-24 ta Novembru 2010huwa flimkien ma Anthony Fenech kienu gew moghtija struzzjonijeit biex imorru l-area ta' Mqabba u jiehdu xi samples tad-diesel. Marru fil-kumpanija tad-Denfar u wara ghamlu xi xoghol iehor u dan irrifjuta li jtihom sample tad-diesel. Huma ghalhekk marru l-ghassa u hadu pulizija maghhom fit-tieni okkazjoni izda cio' nonostante xorta ma tahomx kampjun minkejja li kien hemm pulizija. Fil-fatt jghid li lanqas ma rieduhom jidhlu. Il-pulizija dahlu u lilhom ma rieduhomx. Kien hemm persuna ohra li bdiet timbuttah u qalilhom li kien ufficjal pubbliku, u li jafu ghaliex kien gja introducja lilu innifsu ma l-ewwel darba li marru hemm izda din il-persuna baqghet timbuttah u ma thallihx jidhol. Kif raw hekk marru l-ghassa u ghamlu rapport. Wara li ghamlu ir-rapport qadu jistennew lis-supretendent Vella Gregory biex imur maghhom u ghat-tielet marru akkompanjati minnu.

Mistoqsi jekk jgharafx lill-imputat illum appellant jghid li jgharfu. Qal li l-appellant ma riedx ihallihom jiehdu sample u beda ighid '*ghax jiena sewwa ghandi jiena sewwa ghandi*'. Huwa rrifjuta li niehdu dample u dan bil-qawwa kollha. Stqarr pero' li ma kienx l-appellant li kien imbuttah izda il-persuna li kienet mieghu. Fil-presenza tas-Supertendent Vella Gregory irnexxilhom jiehdu kampjun u ma irrizultax li kien hemm xi abbuz, xejn illegali, kollox kien tajjeb fir-rigward tad-diesel.

Is-**Supretendet Vella Gregory** xehed (fol. 20) u spjega illi fl-24 ta Novembru, 2010 kien infurmat li kien hemm xi dizgwid bejn l-ufficcjali tad-Dwana u certu Dennis tal-kumpanija Denfar li tinsab fi Triq l-Imqabba. Qalilhom biex jistennewh biex imur fuq il-post. Mar fuq il-post, ha ufficjal tad-Dwana mieghu u hemmhekk laqghhom l-imputat/appellant odjern. Qalilhom li l-ufficcjli tad-Dwana kienu marru biex jghamlu xoghlhom u kellhom bzonn jiehdu xi samples tad-diesel. Jghid li s-samples fil-fatt ittiehdu. Skont l-ufficjcali tad-Dwana li kienu prezenti ma kien hemm xejn hazin fis-samples pero' peress li allegaw li qabel ma mar xi hadd kien imbutthom ha

n-nies kollha li kien hemm fil-kumpless bil-ghan li jigi identifikat il-persuna li kien imbutthom pero' ma identifikaw lil hadd.

Mistoqsi jekk meta mar fuq il-post l-imputat/appellant kienx fuq il-post jghid li hemm kien flimkien ma' terzi persuni. Qal li hu tkellem mieghu bhala owner, jghid li din kienet l-ewwel darba li mar fil-kumpless u iltaqa' ma l-appellant u gie indikat lilu mill-ufficjcali tad-Dwana. Jghid li hu kien libes l-uniformi. Qal li wara li spjegalhom li l-ufficcjali tad-dwana kienu hemm biex jghamlu xoghlhom dawn thallew jiehdu is-sample bla tfixkil.

**Vincent Gatt** xehed nhar id-19 ta' Gunju, 2017 jghid li huwa kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq first watch meta dahlilhom rapport minghand zewg ufficjali tad-Dwana li meta marru fil-plant tad-Denfar bix jiehdu xi samples ta' xi diesel ma thallewx jidhlu u kien hemm xi hadd li aggredihom u huma marru u akkmpanjawhom fuq il-post biex jiehdu is-sample, pero' cio' nonostante ma riedux ihalluhom jidhlu gewwa. Dan baqa' jinsisti maghhomli ma kien ser ihallihom jidhlu u ghalhekk irrpaorta l-kaz lill-ispettur u spicca mar fuq il-post is-Supretendent. Huwa gharaf lill-appellant bhala l-persuna li kien prezenti dakinhar tal-ispezzjoni.

PS 624 Keith Mallan kkonferma dak li stqar Vincent Gatt izda zied jghid li meta marru fuq il post mal-ufficjal inqala xi argument ghaliex id-dirigenti tad-Denfar ridu jithallsu tas-sample li kien ser jittiehed. Jghid li l-appellant xorta ma halliex lill-ufficjali jghamlu xoghlhom u ghalhekk infurmaw lis-superjrui taghhom u komplew jahdmu fuq dan il-kaz ix-shift ta' warajhom.

L-imputat **Dionizio mgharuf bhala Dennis Farrugia** xehed minn jeddu u b'mod volontarju. Spjega illi dakinhar kien qieghed fil-garaxx jew fl-ufficcju u dahal wiehed mill-haddiema tieghu u qallu li kien hem xi ufficcjali tad-Dwana u hareg fil-gate. Jghid li kienu ghadhom fil-gate u staqsihom min kienu u qalulu li kienu mid-Dwana. Qal li ma keinx jaf min huma lanqas tag ma kellhom u lanqas karozza tad-Dwana u qalilhom li ma jistghux jidhlu u telqu. Jghid li wara ftit regghu marru akkumpanjati bil-pulizija u l-pulizija qalulu mhux ahjar bil-kwiet u dahlu. Iccekjaw li kellhom

jiccekjaw u sabu li kolox kien sew. Mistoqsijekk kienux libsin l-uniformi ighid li ma jafx.

Qal li x-xatba miftuha tkun ghax ikun hemm min ikun diehel u hiereg bit-truck. Fl-ebda hin pero ma gew fl-idejn jew skambjaw xi kliem baxx. Glied ma kienx hemm lanqas.

Illi l-ewwel Qorti iddikajat lill-appellant mhux hati tal-akkuzi pero' stqarret li l-agir tieghu kien kundannabli moralment. Il-Qorti pero' hasset li una volta meta kien hemm l-intervent tas-Supretendent l-ufficjali hadu l-kampjun tad-diesel allura fil-fehma taghha ma seta' jinghad li l-imputat/appellant ikkometta l-estremi tar-reat adebitat.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u kien ghalhekk li interpona appell. Illi in poche parole ma setghax jifhem kif l-ewwel Qorti ghogobha li tikklasifika l-agir tal-appellant bhala kundanabbli izda imbagahd ghaddiet biex tililberah mill-akkuza.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs.**

**Raymond Psaila et.**[1]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]"; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4]" u ohrajn .)

Illi l-Avukat Generali ma appellax mill-akkuza tar-recidiva izda illimita l-appell tieghu ghar-reat kif kontemplat fl-artikolu 62 ( j) tal-Kap 37 u l-artikolu 18(4) tal-Kap 382 tal-Ligjiet ta' Malta li jipprovdu s-segwenti:-

62." *Kull min, b'kontravvenzjoni ta' din l-Ordinanza:-*

*Ommisses*

(j) *ifixkel l-uffiċjal tad-dwana jew lil xi ħadd ieħor inkarigat skont il-liġi biex ma jħallix li jsir kontrabandu, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu jew fil-qbid ta' oġġetti li jistgħu jiġu kkonfiskati taħt din l-Ordinanza, jew ma jwettaqx dak li jkun mitlub jagħmelminn uffiċjal tad-Dwana fil-qadi ta' dmiru";*

Filwaqt li l-artikolu 18(4) tal-Kap 382 jipprovdi is-segwenti:_

*"Kull persuna li xjentement jew b'qerq tonqos milli tagħti l-għajnuna tagħha, jew xjentement tostakola, timpedixxi jew ittelleflil xi uffiċjal tas-sisa fit-twettiq tad-dmirijiet jew setgħat tiegħu taħtdan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu, tkunħatja ta' reat taħt dan l-artikolu u tista', meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000)"*

Illi ma hemmx dubbju li dak li ghamel l-appellant u cioe' li ma halliex lill-ufficcjali tad-Dwana jesegwixxu ix-xoghol taghhom u proprju dak l-ghemil li din l-akkuza timpunixxi. Il-fat li l-ufficcjali tad-Dwana kellhom imorru tlett darbiet fil-plant biex

[1] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar ilt-12 ta Mejju 1994

[2] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989

[3] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar il- 31 ta Mejju, 1991

[4] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar il- 31 ta Mejju, 1991

jiehdu kampjun zgur li jammonta ghal-tfixkil fl-andament tax-xoghol taghhom. Huwa minu li ma kienx hemm thedid, glied jew tghajjir li kien jammonta ghar-reat iehor pero' xorta ma halliex lill-ufficcjali jaqdu l-inkarigu li kellhom u cioe' li jiehdu l-kampjun tad-diesel. Kien biss meta gie is-Supretendent li thallew jkomplu b'xoghlhom.

Il-Qorti ma tistax thalli lil dak li jkun ma jirrispettax lill-ufficcjali pubblici li kienu fuq barra qed jipprovaw jahdmu u jghamlu dmirhom. Ghandha tkun din il-Qorti li tipprotegi lil kul min ikun qed jipprova jghamel xoghlu u dan sabiex isir bil-kwiet u minghajr interferenza zejda.

Zgur li mhix skuza dak li qal l-appellant waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda lil ghaliex ma kellhomx tags allura ma emminx li kienu ufficcjali tad-Dwana u dan ghaliex meta regghu marru ghat-tieni darba akkompanjati mill-pulizija tad-distrett taz-Zurrieq xorta ma hallihomx jkomplu bix-xoghol taghhom u jghaddu ghat-tehid tas-sample.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-appell tal-Avukat Generali qieghda tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonferma l-liberatorja mill-adebitu tar-recidiva taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda thassarha u tirrevokaha fil-bqija billi tiddikjara lill-appellant hati tal-akkuza kif migjuba kontrih u wara li rat il-fedina penali imtebbgha tieghu qed tikkundannah ihallas multa ta' elf euro (€1,000).

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur